**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 14 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Christopher Spiteri**

Kump Nru 654/2020

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Christopher Spiteri detentur tal-karta tal-identita 0547774M gie akkuzat;

talli nhar l-24 ta' Novembru 2020 u fil-ġranet ta' qabel gewwa Pembroke u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil mara tieghu Elaine Spiteri li tigi wkoll omm it-tfal tieghu Kieran u Kaine u/jew gab ruhu b mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta fastidju ghal dawn il persuni u dan bi ksur ta l artikolu 251A (1) (a)(b), Art 251HA Art. 202, Art 222 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Ikkaguna lil mara tieghu Elaine Spiteri li tigi wkoll omm it tfal tieghu Kieran u Kaine, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222 u 202(h)(iv), meta l- akkuzat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili u dan bi ksur tal-Artiklu 251B(1) u l-Artikolu 251H(a)(b)(d)(f) tal-Kapitlu 9;

U nakkuzah ukoll talli nhar l-24 ta' Novembru 2020 ghal habta ta' 18:45hrs, gewwa l- Pembroke u diversi partijiet tal-gzejjer Maltin;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil Elaine Spiteri. Art.339(1)(e) Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta;

4. Volontarjament ħassart, għamilt ħsara jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara tammonta għal aktar minn 23.29 Ewro iżda anqas minn 250 Ewro għad-dannu ta' Elaine Spiteri. Art.325(1)(c) Kap.9 ta' Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Christopher Spiteri a beneficju ta' Elaine Spiteri u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Elaine Spiteri u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Christopher Spiteri b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill- Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbiliti mill-ligi, tordna lill-imsemmi Christopher Spiteri sabiex ihallass l-spejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fil-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti;

Qieset id-deposizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Semghet lill-parte civile tiddikjara li ma ghandiex interess li tipprocedi ulterjorment fuq t-tielet u r-raba akkuza;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f’din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena/sanzjoni.

Semghet is-sottomissjoniet finali.

**Ikkunsidrat;**

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset sew l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

Dwar is-sanzjoni l-aktar indikata ghac-cirkostanzi ta` dan il-kaz, l-Qorti qieset sew mhux biss dak li rrizulta mill-provi izda wkoll dak ivverbalizzat mill-partijiet propju fl-udjenza ta` llum stess.

KONKLUZJONI;

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 251A(1)(a)(b), 251HA, 202, 222 (1), 251B(1), 251H(a)(b)(d)(f), 339(1)(e), 325(1)(c), 412C, 383 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lill-imputat Christopher Spiteri mhux hati ta' tielet (3) u r-raba (4) akkuzi stante li dawn gew irtirati mill-parte civile u minnhom tilliberah skond il-ligi; izda hati tal-imputazzjonijiet (1) u (2) migjuba fil-konfront tieghu u tilliberah bil kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

**Ordni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' **Elaine Spiteri w ulieda Kieran u Kaine** u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuni msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati **Christopher Spiteri** billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess **Christopher Spiteri** milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuni msemmija, u billi tipprojbixxi lil **Christopher Spiteri** milli jimmolesta lill-persuni msemmija.

Dan l-Ordni ghandu jinqara fid-dawl tal-fatt tal-access bejn Christopher Spiteri u uliedu msemmija, liema ordni ma ghandhux jippregudika tali access, liema access ghandu dejjem ikun ezercitat skond il-Ligi.

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` hames snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti spjegat lil Christopher Spiteri, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u l-Ordni ta` Trazzin.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur